Fik Mulej, jien nistkenn;
thallini qatt ninfixel!
F'idejk jien nerħi ruħi;
int ħlistni, Mulej, Alla veru.

Għall-għedewwa tiegħi kollha
jien sirt ħaġa taż-żebliħ,
ta' twerwir, għall-ġirien tiegħi,
u ta' biża' għal min jafni.

Dawk li jarawni barra, jaħarbu minni.
Insewni bħal wieħed mejjet,
irmewni bħal ġarra mkissra.

Imma jien fik nitma, Mulej,
jien ngħidlek: "Alla tiegħi, int!"
F'idejk hi xortija, ehlisni minn id l-għedewwa
u minn id dawk li jeħduha kontrija.

Uri d-dawl ta' wiċċek lill-qaddej tiegħek;
fit-tjieba tiegħek ehlisni.
Aġmlu l-ħila u qawwu qalbkom,
intom ilkoll, li tittamaw fil-Mulej.
Missier, f'idejk jien nerħi ruħi!

Salm 30

Kristu miet, sabiex jien ngħix! Hemm xi mħabba akbar minn din? Jista' xi ħadd iħobbni aktar minn hekk? Illum ħares lejH, u jiddi wiċċek! Ħares lejn dak li nifdu, u emmen: Hawn hu s-Salvatur tiegħek!

Ħares is-sawma, anki mill-ħelu u l-laħam. Attendi għall-funzjoni l-Knisja, u sib ħin waħdek biex tħares lejn il-Kurċifiss u tirrifletti.

X'inhu dan li ġara? Illum fid-dinja waqa' skiet kbir; skiet kbir, mbagħad solitudni; skiet kbir, għax is-Sultan raqad; l-art twerwret u siktet, għaliex Alla magħmul bniedem raqad, qajjem lil dawk li kienu ilhom ħafna reqdin. Alla bħala bniedem miet, u heżheż art l-imwiet. Għax tassew, hu mar ifittex l-ewwel missier tagħna, Adam, li kien qisu n-nagħġa l-mitlufa. Iva, ried iżur lil dawk li kienu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt; iva, Alla, u Ibnu, mar iħoll mill-irbit tat-tbatija lil Adam imjassar, flimkien ma' Eva l-imjassra. U l-ħdejhom bl-tas-salib f'idejh. l-ewwel missier mistagħġeb sidru u jgħid: ma' kulħadd". u qal lil Adam:

Mulej daħal arma rebbieħa Kif rah Adam, tagħna, kollu beda jħabbat "Il-Mulej Sidi Wieġeb Kristu "U miegħek ukoll". Imbagħad qabdu minn idu, qajjmu u qallu: "Stenbaħ int, li rieqed, u qum mill-mewt, ħa jiddi fuqek Kristu. Jien hu Alla tiegħek, li minħabba fik sirt ibnek; minħabba fik u l-imnissla minnek kollha, issa bis-setgħa tiegħi qiegħed nordna u ngħid lil dawk li kienu marbuta fil-jasar, 'Oħorġu'; lil dawk li kienu fid-dlamijiet, 'Ħa jiddi fuqkom id-dawl'; u lil dawk li kienu mitlufa fin-ngħas, 'Qumu'.

Omelija antika fuq is-Sibt qaddis ta' l-Għid il-kbir

Ħares is-sawma u ħejji ruħek għal festa ta' l-Għid ma' Marija permezz tat-talba tar-Rużarju.



Stenbaħ int, li int rieqed,
u qum mill-imwiet, ħa
jiddi fuqek Kristu!
Ef 5:15

Il-Ġimgħa Mqaddsa ▪ 16-22 ta' Marzu

randan
2008

Il-passjoni tas-salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu timliena bit-tama tal-glorja u tgħal-limna s-sabar. Mhux biss ma jmissniex nistħu minħabba l-mewt tal-Mulej Alla tagħna, iżda hi għandha tkun l-aqwa tama u l-aqwa glorja tagħna: għax meta hu ħa mingħandna l-mewt li sab fina, għamlilna wegħda sħiħa li għad jagħtina fih innifsu dik il-ħajja li ma stajniex ikollna minna nfusna. Hu tant ħabbna li, għalkemm kien bla dnub, ħa għalina l-midinbin dik il-mewt li stħaqqitilna minħabba d-dnub. Ma' San Pawl ħa ngħidu: "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu". *Santu Wistin*

isem:_____

ħadd 16 ▪ ħadd il-palm

Dakinhar, ħadu l-felu lil Ġesù, qiegħdu l-imnatar tagħhom fuq il-felu, u rikbu 'l Ġesù fuqu. Huwa u għaddej, firxu l-imnatar tagħhom fit-triq. X'ħin imbagħad kien għoddu wasal ħdejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ, il-kotra kollha tad-dixxipli b'għajat ta' ferħ bdiet tfaħħar 'l Alla għall-għeġubijiet kollha li kienu raw, u bdew jgħidu: "Imbierek is-sultan li ġej f'isem il-Mulej! Sliem fis-sema, u glorja fl-ogħla tas-smewwiet!" Xi whud mill-Fariżej li kienu qalb il-folla qalulu: "Mgħallem, ċanfarhom lid-dixxipli tiegħek." Iżda hu weġibhom u qal: "Ngħidilkom li, jekk jisktu huma, jgħajjat il-ġebel."

Lq 19, 28-40

Ġesù jidħol b'mod trionfali f'Ġerusalemm bħala sultan. Hu s-sultan tal-glorja u jrid li d-dixxipli jfaħħru 'l Alla permezz tiegħu. Jien infaħħru lil Ġesù? Jew dejjem ingerger? Kapaċi nara kemm qed jagħmel ħwejjeġ kbar fil-ħajja tiegħi u madwari? Infaħħru talli ta ħajtu għalija? Insebbħu għall-imħabba kbira tiegħu? Kemm jobroġ mill-qalb il-kliem li ngħid f'kull quddiesa qabel il-konsagrazzjoni: "Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!"? Ġesù irid jidħol biex isaltan f'qalbi: lest tilqgħu b'għajat ta' ferħ?

Hares is-sawma li ddeċidejt li żżomm tul din il-Ġimgħa Mqaddsa, u itlob dan is-Salm 150 :

Faħħru 'l Alla fit-**tempju** mqaddes tiegħu, faħħruh fil-firxa tas-**smewwiet** qawwija tiegħu! Faħħruh fl-**għemejjel** kbar tiegħu, faħħruh għall-**kobor** tiegħu bla tarf! Faħħruh bid-**daqq** tat-tromba, faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra! Faħħruh bit-tanbur u biż-**żfin**, faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar! Faħħruh bid-daqq qawwi taċ-ċimbali, faħħruh bid-**damdim** taċ-ċimbali! Kull ma jieħu n-**nifs**, ħa jfaħħar lil Mulej! *Salm 150*

tnejn 17

Sitt ijiem qabel il-festa ta' l-Għid, Ġesù mar Betanja, fejn kien joqgħod Lazzru li Ġesù kien qajmu mill-imwiet. Hemmhekk għamlulu ikla; Marta bdiet isservi. Marija, oħtha, ħadet libbra żejt tan-nard safi, jiswa ħafna, u dilket bih riġlejn Ġesù, imbagħad ixxottathomlu b'xagħarha; u d-dar imtliet bir-riħa tfuħ taż-żejt.

Ġw 12, 1-11

Ninsabu fl-aħħar ġimgħa ta' Ġesù...sitt ijiem qabel l-Għid! U naraw x'imħabba kbira turi Marija għal Ġesù! Għalkemm imħabbti qatt ma tista tkun akbar minn dik li Ġesù għandu għalija, Ġesù jixtieq l-imħabba tiegħi. Inħobbu tassew lil Ġesù? Qiegħed fl-ewwel post tal-qalb tiegħi?

Hares is-sawma. U għamel ġest ta' imħabba lil xi ħadd (ġenituri, ħutek, ħbieb, fl-iskola).

tlieta 18

Waqt li kien fil-mejda mad-dixxipli tiegħu, Ġesù ħass ruħu jitħawwad, ta xhieda u qal: "Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom, li wieħed minnkom se jit-tradini." Id-dixxipli qabdu jħarsu lejn xulxin, ma jafux għal min qal hekk. Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien fil-mejda b'raġu tmiss ma' sider Ġesù.

Ġw 13, 21-33.36-38

Ġesù ibati, jitħawwad. Min jaf x'ħass Ġesù huwa u jgħid li xi ħadd mill-appostli, wieħed minn dawk li għamel 3 snin sħaħ miegħu, wieħed minn dawk li għex qrib tiegħu u ra l-mirakli kollha li kien għamel u sema' il-kliem kollu li kien qal, kien ser jittradih! Barra Ġuda, hemm Ġwanni: wieħed minn dawk tal-qrib. Dan għadu qrib il-Messija tant li jserraħ rasu fuq sider Ġesù. Jien għalissa lil min nixbah: lil Ġuda jew lil Ġwanni?

Hares is-sawma. Itlob għal dawk li tħoss li xi darba ttradewk.

erbgħa 19

Fl-ewwel jum ta' l-Ażżmi,id-dixxipli resqu lejn Ġesù u qalulu: "Fejn tridna nħejjulek biex tagħmel l-ikla ta' l-Għid?" U hu qalilhom: "Morru l-belt għand it-tali u għidulu, 'Qallek l-Imgħallem: Iż-żmien tiegħi qorob; il-Għid se nagħmlu għandek, flimkien mad-dixxipli tiegħi." U d-dixxipli għamlu kif ordnalhom Ġesù, u ħejjew l-ikla ta' l-Għid. Mt 26, 14-25

Kull sena, il-Lhud kienu jinġabru biex jagħmlu l-ikla ta' l-Għid biex ifakkru meta l-Mulej Alla ħelishom mill-art ta' l-Eġittu. Ġesù jiċċelebra l-aħħar ikla ta' l-Għid Lhudi fl-istorja: għax issa Hu ser ikun l-ikel ta' l-ikla ta' l-Għid "il-ġdid" li aħna niċċelebraw f'kull quddiesa. Aħseb ftit: Ġesù sar ikel għalija...kif ngħix iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa?

Hares is-sawma u ara li tħejji ruħek għat-Tridu Mqaddes bi qrara tajba.

✠ Nadurawk, o Ġesù u nberkuk, għax b'**salibek** u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

ħamis ix-xirka ▪ **ħamis 20**

Qabel il-festa ta' l-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb 'il tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar...neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferra' l-ilma fiż-żingla, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu. Imbagħad qalilhom: "Jekk jien ħsiltilkom saqajkom, jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, intom ukoll għandkom taħslu saqajn xulxin." Ġw 13,1-15

Ġesù sal-ġurnata ta' illum għadu jaħsel riġlejn dawk li jimxu warajh. Dan jagħmlu b'mod partikulari permezz tas-saċerdoti. Huma jaħsluni mid-dnub, jixxuttawli d-dmugħ u jaqduni bl-imħabba. Kemm napprezzahom?

Hares is-sawma u itlob għas-saċerdoti kollha.